# Id-Dghajsa Tieghi

*Ta'* A. Cremona

*(Għanja ta' Baħri Malti)*

Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi
—il-mewġ li ħabtu għaliha minn kull naħa;
bil-qlugħ imċarrta jien għalibt is-saħħa
tar-rwiefen u degħbien; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
fi xtut kennija
fejn jidħku bija
darba ħallejt 'il sħabi li bil-għira
imxew fid-dlam ta' moħħ u ta' qalb żgħira.

Għadha tofroq il-mewġ id-dgħajsa tiegħi,
bir-ragħwa f'ħalqu rat ġej biex jiblagħha
l-għadu tar-ruħ; iżda mill-mewt refagħha
seħer ta' moħħ u qalb; bil-qdif ta' driegħi
wassalt id-dgħajsa tiegħi
b'mewġa xitwija
f'żiffa sajfija.
Il-lum li xjieħet, ta' l-irjieħ irsira,
bħal fewġa tħoss tar-rwiefen kull tisfira.

U targa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
bi qlugħ imraqqgħa, għar-rotta ta' xortija;
u għalkemm hi tħoss it-toqol tax-xjuħija
rebħet ir-riħ: tal-mewġ l-inżul u t-tliegħi.
Għalxejn lid-dgħajsa tiegħi
ried ibeżżagħha,
fuq blat jitfagħha
l-għadu tal-moħħ hemm moħbi ġol-għadira
minn fejn trejjaħ bil-ħmieġ ta' qalbu l-ħmira.

U targa' tarfa' l-qlugħ id-dgħajsa tiegħi
—il-qlugħ imżewqa b'nisġa barranija
li ta' smewwiet u baħar il-ħruxija
tilqa' u ttuq u żżid il-qdif ta' driegħi.
Jien fuq id-dgħajsa tiegħi,
bid-dmija magħha
biex issebbaħha,
it-terħa ndendel biex tal-Għlieda l-Kbira
għall-Baħri Malti tkun l-egħżeż tifkira.

L-1 ta' April, 1946.